2) Id-duplicate contract bridge huwa “sport” fis-sens tal-Artikolu 132(1)(m) tad-Direttiva tal-VAT?

(1) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta’ Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia nº 38 de Barcelona (Spanja) fis-17 ta’ Frar 2016 – Banco Santander, S.A. vs Mahamadou Demba u Mercedes Godoy Bonet**

**(Kawża C-96/16)**

(2016/C 145/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Qorti tar-rinviju

Juzgado de Primera Instancia nº 38 de Barcelona

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Banco Santander, S.A.

*Konvenuti:* Mahamadou Demba u Mercedes Godoy Bonet

### Domandi preliminari

1) Il-prattika tan-negozju ta’ trasferiment jew xiri tal-krediti mingħajr ma tingħata l-possibbiltà lill-konsumatur li jaqta’ d-dejn billi jħallas il-prezz, l-interessi u l-ispejjeż tal-proċess liċ-ċessjonarju, hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, u b’mod partikolari mal-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, mal-Artikolu 2 C tat-Trattat ta’ Lisbona u mal-Artikoli 4(2), 12 u 169(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea? (1)

2) L-imsemmija prattika tan-negozju ta’ xiri tad-dejn tal-konsumatur għal prezz baxx mingħajr il-kunsens jew għarfien tiegħu, mingħajr ma tiġi inkluża bħala kundizzjoni ġenerali jew klawżola inġusta imposta fil-kuntratt, u mingħajr ma jingħata l-possibbiltà li jipparteċipa f’dik it-tranżazzjoni billi jixtri u b’hekk jaqta’ d-dejn, hija kompatibbli mal-prinċipji msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 93/13 (2), tal-5 ta’ April 1993 u, b’estensjoni, mal-prinċipju ta’ effettività u mal-Artikoli 3(1) u 7 tagħha?

3) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti u l-ġurisprudenza komunitarja li tiżviluppahom, huwa konfomi mad-dritt tal-Unjoni, mad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta’ April 1993, dwar klawżoli inġusti f’kuntratti mal-konsumatur u b’mod partikolari mal-Artikoli 6(1) u 7(1) tagħha, li jiġi stabbilit bħala kriterju inekwivoku li, fi ftehimiet ta’ self mhux iggarantit konklużi ma’ konsumaturi, klawżola mhux innegozjata li tistabbilixxi rata ta’ interessi moratorji li teċċedi r-rata ta’ interessi miftiehma b’iktar minn żewġ punti perċentwali, hija inġusta?

4) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti u l-ġurisprudenza komunitarja li tiżviluppahom, huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni, mad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta’ April 1993, dwar klawżoli inġusti f’kuntratti mal-konsumatur u b’mod partikolari mal-Artikoli 6(1) u 7(1) tagħha, li jiġi stabbilit, konsegwentement, li interessi ordinarji jibqgħu jakkumulaw sakemm id-dejn ikun tħallas fit-totalità tiegħu?

(1) ĠU 2000, C 364, p. 1.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

---